# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 125/2021 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**SM**

**u**

**MM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' SM u MM datat 24 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar illi huma żżewgu f'Malta nhar it-tlieta u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u disa' (23.09.2009) fit-T, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku permezz ta' reġistrazzjoni 2032/2009 "Dok GK1";*

2. *Illi miż-żwieġ tagħhom ma kellhom ebda tfal;*

3. *Illi b'kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia LL.D. datat il-wieħed u tletin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (31-10-2016) liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok GK2', il-partijiet bonarjament isseparaw minn xulxin dan kollu wara li ġew debitament awtorizzati mill-Qorti ta' Malta b'digriet numru 2452/2016 mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-tlieta ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (03.10.2016);*

4. *Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet ilhom separati għal aktar minn erba' snin u ċioe' mill-wieħed u tletin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (31-10-2016)*

   ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

   iii. *Illi ai termini tal-klawżola bin-numru erba' (4) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. GK2, l-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reċiproku u, għalhekk, l-ebda manteniment m'hu dovut f'dan ir-rigward;*

   iv. *Illi miż-żwieġ ma twieldux tfal u għaldaqstant ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment versu wild;*

5. *ILLI għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l- partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;*

*GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponenti qed jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kaptitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1. *TIPPRONUNZJA l-ħall ta' żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet nhar it-tlieta u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u disa' (23.09.2009) fit-T, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku permezz ta' reġistrazzjoni 2032/2009;*

2. *TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

*U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SM xehed** (vide affidavit a fol 18) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-23 ta' Settembru 2009 gewwa I, it-T, liema zwieg kien gie registrat Malta bin-numru 2032/2009 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt nhar il-31 ta' Ottubru 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia. Iddikjara illi mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u llum il-gurnata ma hemmx prospett ragjonevoli ghal tali rikonciljazzjoni. Ikkonferma di piu', li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**MM xehdet** (vide affidavit a fol 20) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun***

***sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar it-23 ta' Settembru 2009, liema zwieg igib c-certifikat numru 2032/2009 (Vide, certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat nhar il-31 ta' Ottubru 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia (Vide Dok GK2, fol 4 et seqq) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2032/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**